**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors numru : 202/16 AL

**AB**
*versus*
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".

Illi l-partijiet ilhom separati sa mis-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Abela anness bhala "Dokument B".

Illi ma hemm l-ebda  prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument C".

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex  :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Mejju 2016;

Rat illi l-intimat kien oppona ghat-talbiet kontenuti  fir-rikors promotur, izda sussegwentement fis-seduta tat-2 ta' Frar 2017 irtira l-oggezzjoni tieghu sabiex jintlaqghu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Dicembru 2014 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.